MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 38/2018

Il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-Deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech u l-membru s-Sur Simon Salomone Reynaud kienu skużati. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 37/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

38.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

38.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

38.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 38.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

38.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat Amministrattiv dwar tlett gradi tal-ilma fil-bankini li jridu jinbidlu għax huma ta' periklu u xi ħadd jista' faċilment iweġġa' magħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

38.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li wara li kien għadda s-Sajf, is-sezzjoni ta' CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kien neħħa l-arbli tal-i*stainless steel* tal-Kunsill li kienu fil-*promenade* ta' Triq il-Port. Wara diversi *emails* li l-Kunsill bagħat, dawn għadhom ma twaħħlux.

38.3.3 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat dwar il-bżonn li tiddawwal it-triq li

minn Triq Santa Marija tagħti għal Triq il-Qbajjar. Preżentament ma hemm l-ebda dwal u ssuġġeriet sabiex issir talba formali lill-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan.

## 38.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

38.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kumitat li ġie avviċinat minn sid ta' blokk appartamenti fi Triq il-Qbajjar k/m Triq il-Qolla s-Safra fejn issuġġerixxa li x'ħin ser jerġgħu jsiru l-bozoz tat-triq li kienu mwaħħla mal-binja tiegħu, dawn issa jsiru fuq arbli peress li s-sid għadda l-wires minn ġo mina taħt il-bankina biex ma jitilgħux mal-faċċata tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kumitat dwar dan.

38.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kumitat dwar periklu li hemm fir-rampa tal-konkos li hemm fit-triq li tinfed minn ħdejn il-pompa tal-WSC fi Triq ir-Rabat għal Triq il-Merżuq. Din ir-rampa jgħaddu minn taħtha u hemm ix-xibka maqsuma. Kien hemm qbil mill-Kumitat li din titranġa.

38.4.3 Is-Sindku għamel punt dwar is-sitwazzjoni tal-iskart f'Marsalforn. Huwa għamel suġġeriment dwar l-iskart tal-ħwienet sabiex dan jibda jinġabar mill-Kunsill u tal-ħwienet iħallsu xi ħaġa lill-Kunsill minflok kull ristorant ikollu l-kuntrattur tal-ġbir tiegħu. Kein hemm qbil mill-Kumitat dwar dan u ġie deċiż li jittieħed parir jekk dan jistax isir.

## 38.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

38.5.1 Ilment KAM 09/2018 – F. Vassallo
Jitlob biex titranġa l-bankina u l-katusa ta' ġol-bankina fi Triq l-Isqof Pace, Marsalforn peress li hi perikoluża. Kien hemm qbil dwar dan.

38.5.2 Ilment KAM 10/2018 – Local Warden
Jissuġġerixxi li jsiru CCTV ħdejn il-*bring in sites* tal-Qbajjar. Il-Kumitat qabel li jsiru u jinġabru kwotazzjonijiet.

38.5.3 Ilment KAM 11/2018 – J. Sultana
Jitlob biex issir *disabled parking* fi Triq il-Wied, Marsalforn u titranġa l-bankina tal-belvedere biex ibnu jkun jista' jgħaddi bil-*wheelchair*. Kien

hemm qbil mill-Kumitat dwar dan.

38.5.4 Ilment KAM 12/2018 – C. Zerafa
Titlob biex issir *disabled parking* fi Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn. Il-Kumitat innota li diġa' hemm *disabled parking* f'din it-triq.

38.5.5 Ilment KAM 13/2018 – F. Calleja
Jitlob biex isiru *double yellow lines* quddiem il-bieb tal-intrata ta' Don Bosco Flats fi Triq ta' Barda peress li mill-garaxx tiegħu li qiegħed faċċata ta' dan il-blokk ma jkunx jista' joħrog bil-karozza. Il-Kumitat iddeċieda li din it-triq wiesa' biżżejjed biex toħroġ il-karozza minn ġo dan il-garaxx u ma jistax ikun innaqqsu aktar il-parkeġġ f'din it-triq.

38.5.6 Ilment KAM 14/2018 – F. Cutajar
Tilmenta li hemm bżonn tinkines u titnaddaf it-triq mill-ħaxix fi Triq il-Qolla s-Safra u Triq Manwel Magro, Marsalforn. Iċ-*Chairperson* qalet li dan ix-xogħol diġa' sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

38.5.7 Ilment KAM 15/2018 – F. Vassallo
Jitlob biex issir disabled parking fi Triq id-Duluri f'Marsalforn. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

38.5.8 Ilment KAM 16/2018 – S. Scott
Titlob biex isir *waste bin* fi Triq Manwel Magro, Marsalforn. Iċ-*Chairperson* qalet li d-dipartiment tal-Cleansing fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex diġa' għamel dan il-*waste bin*.

38.5.9 Ilment KAM 17/2018 – G. Schembri
Jilmenta biex jitneħħew il-*bins* fi Triq Ulisse għax qed jinġabar ħafna żibel madwarhom. Il-membri tal-Kumitat qalu li hemm bżonn jiżdiedu l-*bins* ġo Marsalforn mhux jitneħħew.

38.5.10 Ilment KAM 18/2018 – J. Zammit
Jixtieq li ssir *swimming zone* ġdida taħt ix-xifer tal-Qbajjar taħt it-torri. Il-membri qablu li ssir talba lis-sezzjoni marittima.

38.5.11 Ilment KAM 19/2018 – J. Galea
Jitlob biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera fi Triq Santa Marija k/m Triq ix-Xtut. Il-membri tal-Kumitat qalu li dawn diġa' kienu saru. Kien hemm qbil sabiex jerġgħu jinżebgħu.

38.5.12 Ilment KAM 20/2018 – N. Saliba
Jitlob biex jitneħħew it-tabelli tal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart minn postijiet fejn qed jarmu ż-żibel għax qed jinftiehmu ħażin minn ċertu nies. Kien hemm qbil dwar dan.

38.5.13 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Andrea Saliba obo OASI Foundation – Triq il-Plejju k/m Parkeġġ - Riflessi Sajfin: 4 t'Awissu 2018;
- Maria Homoki – Triq il-Port - Children Entertainment (20ft x 30ft): 28 ta'Ġunju 2018 sa 23 ta' Settembru 2018.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u tal-pulizija.

38.5.14 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva notifika mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar appell numru 00146/18 fuq il-permess PA/09492/17. Il-Kumitat innota l-kontenut.

38.5.15 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva mingħand Transport Malta, rapport rigward *reserved parking bay* tal-applikant is-Sur Francis Vassallo għal Triq L-Isqof Pace, Marsalforn. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

38.5.16 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva mingħand Transport Malta, approvazzjoni rigward talba għal *double yellow lines* fil-kantuniera fi Triq in-Naħla. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk din it-talba kinitx saret qabel ma daħal hu fil-kariga għaliex din it-talba qatt ma resqet fil-laqgħa tal-Kumitat kemm ilu fil-kariga. Iċ-*Chairperson* qalet li talba bħal din qatt ma saret mill-Kumitat u talbet għall-klarifika minn Transport Malta.

38.5.17 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva ittra mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar inċident li kien seħħ bil-vettura tas-Sinjura Carmen Scerri fejn laqtet il-karozza ma' tabella tat-traffiku u għamlet €283.20 fi ħsara lill-karozza tagħha. Is-Sinjura Scerri tat ġimgħa ċans lill-Kunsill / Kumitat biex iħallas dawn l-ispejjeż. Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kien iddeċieda li peress li ma kinux ippreżentati d-dokumenti meħtieġa, l-ilment ma setax jiġi kkunsidrat. Barra minn hekk, l-Avukat tal-Kunsill kien ta parir li ma kienx hemm raġuni valida għall-

kumpens ta' dawn l-ispejjeż. F'isem il-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, ġiet preżentata risposta mill-Avukat Dr Mario Scerri għal din l-ittra fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Il-Kumitat innota dan u qabel mal-proċedura li ħa l-Kunsill.

38.5.18 Wara t-talba taċ-*Chairperson* u tal-membri tal-Kumitat sabiex jibda l-proġett ta' monument ġdid f'nofs il-promenade ta' Triq il-Port f'Marsalforn, is-Segretarju reġa bagħat lill-kuntratturi li kienu wrew interess dak iż-żmien sabiex jibagħtu jew jikkonfermaw l-kwotazzjoni ta' dan ix-xogħol. Axiak Bros, li kienu wrew interess is-sena l-oħra iżda qatt ma bagħtu kwotazzjoni, reġgħu ma bagħtux kwotazzjoni wara li kellemhom is-Segretarju Eżekuttiv ftit tal-jiem ilu. Afellis, li kienu wrew interess is-sena l-oħra u kienu bagħtu kwotazzjoni tax-xogħol li kienet tammonta għal €5,300 eżkluż il-VAT, ikkonfermaw l-interess tagħhom u bagħtu kwotazzjoni riveduta tammonta għal €5,000 eżkluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jsir ix-xogħol minn Afellis bħala *direct order* peress li s-sajf dalwaqt magħna u limitati fiż-żmien.

38.5.19 Il-Kumitat Amministrattiv irċieva *email* mingħand il-Viċi Sindku b'suġġeriment li jiżdied is-servizz tal-linja minn Marsalforn peress li l-karozza tal-linja kienet qed tħalli diversi nies warajha minħabba li tkun mimlija. Il-membri preżenti laqgħu dan is-suġġeriment u ntqal li mill-10 ta' Ġunju 2018 dan is-servizz ikun aktar frekwenti u jiżdied għal kull tlett kwarti.

38.5.20 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva *email* mingħand Arka Foundation sabiex jorganizzaw *car boot sale* fis-16 ta' Settembru 2018, fil-21 ta' Ottubru 2018 u fit-18 ta' Novembru. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

38.5.21 Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn irċieva korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn sabiex jinforma lill-Kunsill dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Kwaranturi fit-12 t'Awissu 2018. Il-Kumitat innota dan.

38.5.22 Wara lment li kien tressaq miċ-*Chairperson* dwar *bollards* mal-bankina tal-Plajja Guesthouse f' Marsalforn, kien deċiż li jittieħed parir minn Transport Malta. Transport Malta għamlet rakkomandazzjoni sabiex jitneħħew minnufih peress li dawn kienu saru mingħajr permess. Il-Kumitat qabel li ser jilqa' din ir-rakkomandazzjoni u jneħħi dawn il-

*bollards*.

## 38.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 38.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Lulju 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| <u>Iffirmati</u> | <u>Iffirmati</u> |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |